# IL-FIRDA

Minnek mifruda l-qalb toħlom, tiċċejjaq...
narak quddiem għajnejja; għalxejn ħallejtek...
u għalkemm int taħseb, s'issa jien insejtek,
għadni sal-lum narak bi ħsieb imdejjaq.

Bil-ħsieb mitluf li qatt ma sab jitrejjaq
ħlief b'ħarsa tiegħek, mita jien ħabbejtek.
Tlabtni biex niġi ħdejk... jiena ftit ġejtek....
Int kont marida u 'l qalbek tlabtni nfejjaq.....

Kellek għajnejk miksura, kollhom ħniena,
siekta bħal qamar li tal-lejl mas-sirda
jaħbat mal-wiċċ u jidħol f'qalb għażżiena.

Għajnejn weqfin u kbar li fuqi ntfajtu,
tagħkom inħoss il-lum oh kiefra l-firda!
Dell iswed tal-imgħoddi, miegħi bqajtu..

A. C.